
Norman C. Borg
Żarbun Imsaħħar
Sensiela
KOTBA fil-but
STEJJER fil-but

# *Żarbun Imsaħħar*

**Norman C. Borg**

Copyright © 2012 by Norman C. Borg

All rights reserved. This book, or parts thereof, may not be reproduced in any form without permission.



ISBN: 978-1-4716-0953-4

# *Werrej*


| | |
|---|---|
| 1: Logħob imferfex | 1 |
| 2: Bini mwarrab | 7 |
| 3: Skarpan xwejjaħ | 12 |
| 4: Post ħaddieħor | 20 |
| 5: Żjara lil ħabib | 28 |
| 6: Thewdin | 33 |
| 7: Is-*Semifinal* | 35 |
| 8: Vandaliżmu | 40 |
| 9: Aktar inkwiet | 46 |
| 10: Fl-Uffiċċju tas-surmast | 49 |
| 11: Responsabbiltà | 53 |
| 12: Il-*Final* | 56 |
| 13: L-Aħħar żjara | 61 |
| | |
| Dwar l-awtur | 67 |

# *1: Logħob imferfex*

Qalb David bdiet tħabbat sitta sitta hekk kif ġera lejn il-lasta tat-tim ta' kontrih, u stenna lil Jason jgħaddi l-ballun lejh. Id-difensuri tal-Klassi Ċ kienu tajbin, iżda Jason kellu l-ħabta jiżgiċċa minn bejn saqajhom bla ma lanqas biss jarawh. Bil-ballun jitgerbeb quddiemu, Jason seħħlu jaqbeż liż-żewġ difensuri tal-Klassi Ċ. Issa kull ma kellu jagħmel kien li jqassam il-ballun lil David. David kien qiegħed jistennieh bil-ħerqa kollha. It-tfal tal-iskola li kienu qegħdin iżommu magħhom, u li dak il-waqt kienu fil-bitħa biex jaraw il-logħba, bdew iwerżqu għajjat ta' inkoraġġiment.

"Haw', Jase. Hawn qiegħed. Waddbu 'l hawn!" David beda jgħajjat kemm jiflaħ lil Jason biex ikun jista' jarah u jwaddab il-ballun lejh.

F'ħin minnhom, Jason waqaf mill-ġirja u b'xutt immirat sewwa waddab il-ballun eżatt f'saqajn David.

"Isa, Dave, ixxuttja! Għandek ċans!"

Bl-eċċitament li kellu fuqu David lanqas biss indenja ruħu jimmira sew. Fajjar daqqa ta' sieq lill-ballun, u...

Xtaq l-art tibilgħu malli ra l-ballun itir minn fuq il-lasta u jmur barra. Ħass fawra titla' għal rasu hekk kif intebaħ li kien tellef iċ-ċans lit-tim tiegħu li jġib *draw*. Xi tfal minn madwar il-bitħa bdew jibbuwjawlu.

"X'għamilt, nofs ras!" qabad jgħajjat Robert, il-kaptan tat-tim. "Injorant! Telliftna l-logħba!"

Lanqas biss laħaq qal il-kelma li s-suffara tal-għalliem ma nstemgħetx tidwi mal-bitħa kollha. Il-logħba kienet intemmet.

Robert ġera għal fuqu, tah daqqa fuq spalltu bil-goff u sabbtu mal-art. David ma kienx qiegħed jistenna daqqa bħal dik, u baqa' bilqiegħda mal-art hekk kif Robert beda jgħajjat miegħu. "Minn dejjem kont naħseb li m'intix tajjeb għal mat-tim, ħmar! Rieqed!"

"Iskot, Robert!" qabeż l-għalliem tal-PE hekk kif laħaqhom. "Il-*break* spiċċa għalik. Mur biddel u itla' fil-klassi. Issa nkellmek fuq, lilek."

Robert baqa' jħares biċ-ċiera lejn David għal ftit mumenti, hekk kif beda miexi lejn il-klassijiet, imdawwar mill-klikka tas-soltu tiegħu. Beda jgedwed xi ħaġa minn taħt l-ilsien, iżda David ma setax jisimgħu. Qam bil-wieqfa, imma staħa jħares lejn is-Sur Mangion, li barra minn għalliem tal-PE kien ukoll il-*coach* tat-tim tal-*football* tal-iskola.

"Jiddispjaċini, David," qal is-Sur Mangion. "M'urejtnix li inti aħjar minn ħaddieħor fit-tim. F'din il-logħba għamilt wisq żbalji. Iddeċidejt li ndaħħal lil Martin minflokok fit-tim għas-*semifinal* tal-iskejjel."

“Kollox sew, ser,” wieġbu t-tifel bil-mod, wiċċu lejn l-art. X’seta’ jgħid aktar? Kien talab lis-Sur Mangion bil-ħerqa kollha biex idaħħlu fit-tim. Kien iffittah tul dak ix-xahar sħiħ biex iħajru jdaħħlu. U s-Sur Mangion, forsi għax kien iddejjaq jisimgħu jittallab, jew forsi għax kien ġablu ħniena, kien iddeċieda li jħallih jilgħab xi logħbiet. Iżda ma kien wegħdu xejn.

“Issa naraw kif tmur f’din il-logħba,” kien qallu. “Imbagħad naraw x’nagħmlu.”

Iżda f’din il-logħba David kien waqa’ għaċ-ċajt bil-kbir. Fl-ewwel nofs tal-logħba, għal daqsxejn ma kienx ser idaħħal *autogoal*. Fit-tieni nofs, meta s-Sur Mangion kien biddillu l-post minn difensur għal *centre-forward*, tilef mill-inqas ħames ċansijiet li jiskorja. U l-aħħar wieħed kien tellifhom il-logħba.

David kien imdejjaq, u d-diżappunt kien jidher sew fuq wiċċu. Iżda ħass li s-Sur Mangion kellu raġun ipoġġi lil Martin minfloku. Martin kien jiskorja tajjeb, u forsi kieku f’din il-logħba kien minfloku l-*goal* tal-aħħar kien jiskurjah.

Waqt li l-oħrajn bdew deħlin bil-qajla, David baqa’ waħdu, bilqiegħda f’xifer il-*ground*, jisħet lilu nnifsu talli kien daqshekk imferfex. Malli daħal fil-kmamar tax-*showers*, sab lil sħabu diġà qegħdin ibiddlu. Jason u Albert resqu lejh.

“X’qallek is-ser?” staqsieh Jason.

"Mhux se jħallini nilgħab fis-*semifinal*," wieġeb David minn taħt l-ilsien.

"Illistrina! Jiddispjaċini, Dave," kompla Albert. "Naf li xtaqt ħafna li tieħu sehem fis-*semifinal*. Lil min se jdaħħal minflokok?"

"Lil Martin."

"Iss, mhux *fair*," qabeż igerger Jason.

"Se jtellfek il-logħba tas-*semifinal*," kompla Albert.

"Martin OK," wieġeb David pront pront. "Jekk jaf jilgħab aħjar minni huwa *fair* li jidħol hu. Naħseb li għas-Sur Mangion huwa aktar importanti li nirbħu s-*semifinal* milli jikkuntenta lilna. Wara kollox is-ser diġà ħallieni nilgħab żewġ logħbiet biex jippruvani - u għax iffittajtu jien!"

Kien f'dak il-waqt li daħlu Robert, sieħbu Gordon u xi oħrajn mill-klikka tagħhom. Robert minn dejjem kien iħares lejn David biċ-ċiera. Ma kienx beda jaħmlu mill-ewwel darba li kienu ltaqgħu. Iżda llum kien jidher ftit aktar inkurlat.

"Naħseb li s-Sur Mangion tah xi kastig talli rrabja miegħek u mbuttak," lissen Albert minn taħt l-ilsien.

Robert ħares ħarsa madwar il-kamra sakemm għajnejh waqfu fuq David. Minnufih resaq lejh.

"Daħħalha f'rasek darba għal dejjem li int ħmar fil-*football*," qallu b'ċerta arja. "Sewwa għamel is-Sur Mangion li keċċiek mit-tim. U oqgħod attent għax jekk tipprova terġa' titolbu biex idaħħlek, b'rasek idur."

"X'jiġifieri b'rasu jdur?" qabeż Jason. "X'tagħmillu kieku?"

"Inti tindaħalx!" wieġbu Gordon. "Mhux lilek kien qed ikellem, Robert."

"Jekk tmissu lil David ikollkom xi tgħidu magħna," qabeż Albert.

"Ejja, isa, ħa nara x'intom kapaċi tagħmlu!" kompla Robert.

"Ieqfu, ieqfu!" qabeż David. "M'hemmx għalfejn toqogħdu tiġġieldu minħabba fija. M'iniex se nilgħab aktar *football*, Robert, tista' sserraħ rasek."

"U żgur li nserraħ rasi!"

Il-klikka ta' Robert bdiet tidħaq malli qal dan il-kliem. Iżda David ma tax kashom. Għalkemm Robert kien kemxejn kiesaħ u kien jagħmel ħafna arja, speċjalment miegħu għax kien ftit iżgħar minnu, David kellu jammetti li forsi, wara kollox, Robert kellu raġun f'dak il-każ. Forsi veru li ma kienx tajjeb biex jilgħab il-*football*. Kien imissu ma ppruvax jiddeffes fit-tim tal-iskola mill-bidu. Forsi kieku issa ma kienx iħossu daqshekk imdejjaq u qalbu sewda.

Li jieħu sehem f'xi *league* tal-*football* kienet minn dejjem il-ħolma ewlenija ta' David. Il-*football* kien iħobbu wisq. Kien għamel ħiltu kollha biex iħajjar lis-Sur Mangion idaħħlu fit-tim. Waqt il-logħob kien joqgħod attent. Wara x-xogħol tad-dar kien imur fil-bitħa ta' wara daru u joqgħod jilgħab hemm, xi drabi waħdu, xi drabi ma' xi ħbieb bħal Jason u Albert.

Iżda kollu kien għalxejn. Waqt il-logħob kien imferfex wisq. Ħafna drabi ma kienx kapaċi jiddeċiedi fejn isib postu u ta' spiss kien jixxuttja mingħajr ma jieqaf u jaħseb fejn jimmira l-ballun, bħalma kien ġralu llum.

Kien jixtieq ħafna li jilgħab tajjeb daqs ħaddieħor. Iżda din tiegħu, milli jidher, kienet se tibqa' biss ħolma. B'dan id-dwejjaq kbir David, wara l-iskola, irħielha bil-mixi lejn daru.



# *2: Bini mwarrab*

Id-dar ta' David ma kinitx bogħod ħafna mill-iskola. Madankollu ta' spiss kien itawwal triqtu billi jgħaddi minn xi għelieqi li kienu fil-qrib tar-raħal tiegħu. Qalb dawn l-għelieqi kien hemm ukoll xi blokki ta' bini antik, imwarrab u mitluq, li ommu kienet dejjem tgħidlu biex ma jidħolx fih. Ma kienx jaf għalfejn ma setax jagħmel dan. Ta' tifel li kien kellu kurżità kbira biex xi darba jara x'kien hemm f'dak il-bini mitluq.

Ħafna bibien u twieqi kienu mkissrin, għalhekk kien ikun faċli għalih li jidħol ġewwa. Biss David kien ta kelmtu lil ommu li qatt ma jidħol hemm ġew, u kbira kemm kienet kbira l-kurżità tiegħu, ma kienx lest li jikser il-wegħda li kien għamel lil ommu. Għalhekk kien jikkuntenta għall-inqas jgħaddi minn ħdejn dak il-post, iħares lejh mill-bogħod, jimmaġina x'seta' kien hemm fih meta kien għadu jintuża u joħlom fuqu. Ma kien jagħmel xejn aktar minn hekk.

Dik il-ġurnata ma kinitx eċċezzjoni. Għadda minn quddiem il-bini mitluq bħas-soltu. Dan aktar seħħ bi drawwa milli bi skop, għax illum tant kien inkwetat u mdejjaq b'dak li kien ġara l-iskola li bilkemm kien jaf minn fejn kien għaddej fi triqtu lura d-dar. Kien għadu qiegħed jhewden, bir-raġun kollu, fuq il-partita ta' prova li

kien organizza s-Sur Mangion, u li minħabba fiha David issa kien tkeċċa mit-tim tal-iskola.

Ma kienx lagħab tajjeb biżżejjed. Jew aħjar, xi ħadd ieħor kien qiegħed jilgħab aħjar minnu. Kien imnikket ħafna b'dan. Madankollu ma ħass l-ebda għira għal min kien se jilgħab minfloku fit-tim. Jekk Martin kien kapaċi jilgħab aħjar minnu, kien xieraq li jidħol fit-tim hu.

Dawn il-ħsibijiet taru minn moħħ David hekk kif, hu u miexi, lemaħ żewġt itfal weqfin ftit aktar 'il quddiem fi triqtu. Qalbu għamlet tikk hekk kif intebaħ li kienu Robert u sieħbu Gordon.

David kien iħoss li Robert kellu xi ħaġa kontrih partikulari. X'kienet, David ma kienx jaf eżatt. Robert kien l-aħjar fil-*football*, iżda David kien iħoss li x'aktarx Robert kien jgħir għalih għaliex fl-iskola David kien dejjem jiġi qablu fl-eżamijiet. Minħabba f'hekk Robert kien dejjem lest li jsiblu d-difetti u jgħajru għal kull ħaġa ta' xejn; bħalma kien għamel dik il-ġurnata fl-iskola malli spiċċat il-logħba.

"Xi jridu minni?" beda jaħseb bejnu u bejn ruħu, hekk kif kompla miexi lejn Robert u Gordon. Kienu t-tnejn weqfin hemm, bħallikieku qegħdin jistennewh. Gordon kien qisu d-dell ta' Robert. Kien dejjem miegħu. Dak li kien jagħmel Robert kien jagħmlu hu. Dak li kien jgħid Robert kien jgħidu hu. Kien bħallikieku Gordon ma kellux